MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 276/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**Vs.**

**Pierre Schembri (I.D. Numru 464463M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà attrici fit-28 ta' Lulju 2009 permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef seba' mija u tmienja u hamsin Euro u tmien centezmi (€3,758.08) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' l-istess konvenut mas-socjetà attrici u dana skond Dok. "A1" sa' Dok. "A4" u Dok. "B1" sa' Dok. "B2" annessi mar-Rikors, flimkien ma' l-imghax ulterjuri konteggjat mit-2 ta' Lulju 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema *loans* gew moghtija lill-konvenut permezz ta' zewg skritturi privati datati 16 ta' Lulju 2002 u 10 ta' Novembru 2003, Dok. "C" u Dok. "D" annessi mar-Rikors, u dana wara li jigi dikjarat li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiiet imsemmija fl-iskritturi privati

Dok. “C” u Dok. “D” partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skritturi; u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess imsemmija skritturi privati; u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 22 ta’ Dicembru 2008, Dok. “E” annessa mar-Rikors, u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bir-Rikors tas-socjetà attrici u bl-Avviz tas-smigh permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici, in partikolari d-dokumenti Dok. “A1” sa’ Dok. “A4”, Dok. “B1” u Dok. “B2”, Dok. “C”, Dok. “D” u Dok. “E” annessi mar-Rikors promotur, u rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda ta’ Joseph Borg Cardona moghtija waqt is-seduta tal-15 ta’ Jannar 2010.

Ikkunsidrat:

Il-konvenut Pierre Schembri, ghalkemm debitament notifikat bir-Rikors tas-socjetà attrici u bl-avviz tas-smigh ma deherx, ma ressaqx eccezzjonijiet u baqa’ kontumaci.

Joseph Borg Cardona, Manager tal-Legal Office tas-socjetà attrici u rapprezentant ta’ l-istess socjetà, ikkonferma bil-gurament illi bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta’ €3,758.08 u li dan l-ammont ghadu dovut mill-istess konvenut. Ikkonferma wkoll illi s-sitwazzjoni mid-data tal-prezentata tar-Rikors baqghet l-istess.

Illi mill-provi mressqa mis-socjetà attrici jidher li l-konvenut huwa tassew debitur taghha fl-ammont mitlub u jirrizulta li sehhew ukoll grajjiet li minhabba fihom id-dejn ghandu jithallas minnufih.

Ghaldaqstant, ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €3,758.08, flimkien ma’ l-imghax ulterjuri konteggjat mit-2 ta’ Lulju 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 22 ta’ Dicembru 2008 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------